# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' Mejju 2017**

**Numru 9**
**Citazzjoni numru 717/91 GCD**

**Alfred Caruana, Teresa armla ta' Guzeppi Vella, Mary mart Mario Cachia f'isimha proprju u f'isem ohtha msiefra Carmen Brincat; u b'digriet tal-20 ta' Ottubru 2008 Alfred u Felicia mizzewgin Caruana assumew l-atti tal-kawza minflok l-atturi Teresa Vella, Mary Cachia u Carmen Brincat wara li kisbu d-drittijiet litigjuzi taghhom**

**v.**

**Angelo Caruana u Maria mart Paolo Farrugia; u b'digriet tad-29 ta' Ottubru 2012 il-kawza tkompliet fl-isem ta' Giuseppe, Emmanuele, Francesco, Carmelo, Mariano, Grazio, Rose, Rita mart Antonio Galea u Gerald ahwa Caruana minflok Angelo Caruana li miet waqt li kienet miexja l-kawza**

**Il-Qorti:**

Illi dan huwa appell mis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Ottubru 2012 li qed tigi riprodotta ghall-ahjar intendiment:

1. “Din il-kawża hija dwar il-wirt ta’ Giuseppe Caruana, li miet fl-1 ta’ Novembru 1981, u ta’ martu Carmela Caruana, li mietet fl-24 ta’ Jannar 1965. Giuseppe u Carmela Caruana kellhom ħames ulied: l-atturi Alfred Caruana u Teresa Vella, il-konvenuti Angelo Caruana u Maria Farrugia, u Grezzju Caruana, illum mejjet, missier l-atturi Mary Cachia u Carmen Brincat.

2. “Il-wirt ta’ Carmela Caruana huwa regolat b’testment li għamlet *unica charta* ma’ żewġha fis-6 ta’ Diċembru 1962 fl-atti tan-Nutar Giovanni Carmelo Chapelle, u wirtuha f’ishma ndaqs il-ħames ulied.

3. “Giuseppe Caruana għamel tliet testmenti oħra b’żjieda ma’ dak li għamel *unica charta* ma’ martu: fl-24 ta’ Mejju 1969 fl-atti tan-Nutar Giovanni Carmelo Chapelle, fl-14 ta’ Jannar 1978, fl-atti tan-Nutar Jeanette Saliba, u fl-1 ta’ April 1978, ukoll fl-atti tan-Nutar Jeanette Saliba. Bis-saħħa ta’ dawn it-testmenti Giuseppe Caruana, wara li ħalla xi legati, ħatar bħala werrieta lill-konvenuti Angelo Caruana u Maria Farrugia, u lit-tliet ulied l-oħra ħallielhom biss il-leġittima, jew is-sehem riżervat.

4. “Is-sehem ta’ Grezzju Caruana mill-wirt ta’ ommu u s-sehem riżervat mill-wirt ta’ missieru ntiret minn uliedu l-atturi Mary Cachia u Carmen Brincat.

5. “L-atturi issa qegħdin jitolbu illi l-qorti:

i. “tillikwida l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti bejn Giuseppe u Carmela Caruana;

ii. “taqsam dawn l-assi f’żewġ ishma ndaqs, li minnhom wieħed jiġi assenjat lill-wirt ta’ Giuseppe u l-ieħor lill-wirt ta’ Carmela;

iii. “tillikwida l-assi parafernali ta’ Carmela Caruana;

iv. “taqsam l-assi ereditarju ta’ Carmela Caruana f’ħames (5) ishma ndaqs li jiġu assenjati lill-werrieta, b’dan illi s-sehem tal-atturi Mary Cachia u Carmen Brincat jinqasam bejniethom;

v. “tillikwida *in natura* l-leġittima (sehem riżervat) li tmiss lill-atturi mill-wirt ta’ Giuseppe Caruana;

vi. “tassenja lill-atturi s-sehem hekk likwidat; u

vii. “taħatar nutar biex jippubblika l-att ta’ qsim u kuratur biex jidher f’isem min jonqos li jersaq għall-pubblikazzjoni.

6. “Il-konvenuti ma opponewx għat-talbiet.

7. “Waqt li kienet miexja l-kawża l-attur Alfred Caruana kiseb l-ishma tal-atturi l-oħra. Għalhekk għandu tliet ishma minn ħamsa ($^3/5$) mill-wirt ta’ Carmela Caruana u – billi l-ulied kienu ħamsa u s-sehem riżervat jiġi n-nofs li jinqasam bejn l-ulied kollha – tliet ishma minn għaxra ($^3/10$) mill-wirt ta’ Giuseppe Caruana. Il-bqija tal-ishma huma tal-konvenuti flimkien.

8. “Il-qorti ħatret perit legali u perit tekniku biex jagħmlu l-likwidazzjoni tal-beni u jħejju pjan ta’ qasma, u dawn irrelataw fit-18 ta’ Novembru 2008.

9. “Mix-xiehda fil-proċess u mir-relazzjoni tal-periti ġudizzjarji ħareġ illi l-beni immobbli tal-komunjoni tal-akkwisti meta mietet Carmela Caruana, *de cuius*, kienu dawn:

i. “Fond numru tnejn u għoxrin (22), Triq il-Warda (Rose Street), Żurrieq, kantuniera ma’ sqaq.

ii. “Fond numru tlieta (3) Sqaq San Anard, Bubaqra, Żurrieq, (li fid-denunzja ta’ Carmela Caruana *a fol.* 36 tal-proċess huwa indikat bħala 2 St Mary Square).

iii. “Fond numru tlieta (3) Triq Bur Lanġasa, Żurrieq.

iv. “Fond numru ħamsa (5), bl-isem *St Joseph*, Triq Bur Lanġasa, Żurrieq, fejn tgħix il-konvenuta Maria Farrugia. Dan il-fond hu mgħobbi b’servitù ta’ tieqa favur il-fond numru sitta (6) li jmiss miegħu.

v. “Fond numru sitta (6) Triq Bur Lanġasa, Żurrieq, li fih kamra waħda b’servitù ta’ tieqa fuq il-fond bin-numru ħamsa (5) fl-istess triq.

vi. “Fond numru 7, Triq Bur Lanġasa, Żurrieq. Dan il-fond għandu żewġ bibien oħra bla numru jagħtu fuq Triq Bur Lanġasa; fit-tarf ta’ l-istess triq hemm kamra msaqqfa bil-pjanċi b’bieb wiesa’ ta’ *garage*, bla numru.

vii. “Razzett bla numru fi Triq in-Nigret, iż-Żurrieq, konsistenti f’dawn il-biċċiet art li ġejjin kif murija b’ittri fuq il-pjanti tal-Perit Arkitett Alan Saliba:

- “Mandra żgħira, maqjel u bitħa ta’ kejl superfiċjali b’kollox ta’ *circa* wieħed u tmenin metru kwadru (81m²) jew madwar erba’ kejliet (K4) immarkati bl-ittra “F”;

- “Mandra kbira, immarkata bl-ittra “G”, fejn l-attur Alfred Caruana jżomm l-għoġiela u li tidħol għaliha minn bitħa oħra immarkata bl-ittra “H”. Il-partijiet jaqblu li nofs tomna (T½) mill-mandra “G” fuq in-naħa ta’ ġewwa tagħha ġà hija ta’ Grezzju Caruana u allura minn din il-mandra fadal għal qasma *circa* siegħ u seba’ kejliet (1S K7) li parti minnha sejra tittieħed għal triq proġettata;

- “Bitħa kbira immarkata bl-ittra “H” li tmiss mix-xlokk ma’ Triq in-Nigret, iż-Żurrieq u li għandha kejl superfiċjali ta’ *circa* ħames mija u tnejn u tletin metri kwadri (532m²) jew madwar żewġ sigħan u tmien kejliet (2S.8K) li minnhom madwar erba’ mija u tnejn metri kwadri (402m²) huma fabbrikabbli;

- “Maħżen kbir, bitħa u mandra kbira fuq wara, immarkati bl-ittra “I”, li tidħol għalihom mill-bitħa l-kbira immarkata bl-ittra “H”. Fuq parti żgħira minnhom hemm triq proġettata. Din il-proprjetà fiha kejl

superfiċali ta' *circa* ħames mija u disgħa u tmenin metru kwadru (589m²) jew madwar tliet sigħan u kejla (0T.3S.1K) li minnhom *circa* ħames mija u tmienja u sittin metri kwadri (568m²) huma fabbrikabbli;

- "Bitħa kbira immarkata bl-ittra "J", b'żewġt imqajel fuq wara u mandra msaqqfa bil-pjanċi li tmiss mix-xlokk ma' Triq in-Nigret. Il-partijiet qablu li l-maqjel il-kbir u mandra ta' kejl ta' madwar nofs tomna (T½), jew żewġ sigħan u erba' kejliet (2S 4K), li hemm fuq wara ta' din il-bitħa ġà huma tal-konvenut Angelo Caruana, u għalhekk il-kejl li fadal għall-qasma minn "J", immarkata bl-aħmar fuq il-pjanta hawn mehmuża mar-rapport tal-periti, huwa ta' *circa* tliet mija u disgħa u tletin metru kwadru (339m²) jew circa siegħ u tmien kejliet (0T.1S.8K);

- "Bitħa immarkata bl-ittra "K" (kulur kannella) b'żewġt ikmamar, tmiss mix-xlokk ma' Triq in-Nigret u mill-majestral mal-kamra u bitħa immarkati bl-ittra "F", ta' kejl superfiċjali ta' *circa* tnejn u disgħin metru kwadru (92m²) jew *circa* ħames kejliet (0T.0S.5K);

- "Żewgt imqajel u bitħa immarkati bl-ittra "L" (kulur vjola) ta' kejl superfiċjali ta' *circa* tmienja u tmenin metru kwadru (88m²) jew *circa* ħames kejliet (5K), li tidħol għalihom minn fuq bitħa li gà hija tal-attur Alfred Caruana. Dawn l-imqajel u bitħa huma milquta minn legat imħolli minn Giuseppe Caruana *de cuius*.

viii. "Għalqa fiż-Zurrieq, fil-kontrada *tal-Imwieġel*, magħrufa bħala *tal-Imwieġel* jew *ta' Ċoqq*, tmiss mill-punent ma' triq tar-raba' b'aċċess minn Triq Qortin ta' kejl superfiċjali ta' madwar erbat itmien u tliet sigħan (T4, S 3), jew *circa* ħamest elef u sittin metru kwadru (5,060m²).

ix. "Għalqa fiż-Zurrieq, fil-kontrada ta' *Il-Qortin*, magħrufa bħala *Tal-Qortin ta' Ġewwa*, ta' kejl superfiċjali ta' madwar tliet itmien, siegħ u ħames kejliet (T3, 1S, 5K) daqs madwar tlett elef, sitt mija u sittin metri kwadri (3,660m²)

10. "Fil-komunjoni tal-akkwisti kien hemm ukoll xi għamara li dak iż-żmien (fl-1965) kienet tiswa dsatax-il lira (£19) iżda li llum ma tistax titqies li għandha xi valur. Kien hemm ukoll ħames mitt lira (£500) depożitati f'kont bankarju u għalhekk sehem Carmela jiġi mitejn u ħamsin lira (£250). Minn dawn iridu jitnaqqsu ħamsin lira u nofs (£50 10*s.*) spejjeż tal-funeral u jifdal mija u disgħa u disgħin lira u nofs (£199 10*s.*) jew ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€464.71).

11. "Saret allegazzjoni li Carmela Caruana kellha xi deheb, iżda dan id-deheb la jissemma fid-denunzja tas-suċċessjoni tagħha u lanqas inġiebet dwaru xi xiehda li tista' toqgħod fuqha. Il-qorti għalhekk taqbel mal-konklużjoni tal-perit legali li ma saritx prova li tassew kien hemm dan id-deheb.

12. "Carmela Caruana ma kellhiex beni parafernali. Għalhekk l-assi ereditarju ta' Carmela Caruana huwa nofs il-beni immobbli tal-

komunjoni, li huma murija hawn taħt bin-nofs ta' kemm ġew stmati mill-perit tekniku, u s-somma ta' ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€464.71):

| | | € |
|---|---|---|
| 1 | 22, Triq il-Warda, Żurrieq | 3,500.00 |
| 2 | 3, Sqaq San Anard, Bubaqra, Żurrieq | 4,750.00 |
| 3 | 3, Triq Bur Lanġasa, Żurrieq | 3,250.00 |
| 4 | 5, *St Joseph*, Triq Bur Lanġasa, Żurrieq | 4,750.00 |
| 5 | 6, Triq Bur Lanġasa, Żurrieq | 500.00 |
| 6 | 7, Triq Bur Lanġasa, Żurrieq | 3,750.00 |
| 7 | Razzett bla numru fi Triq in-Nigret, iż-Żurrieq | 35,000.00 |
| 8 | Għalqa fi Triq Qortin iż-Zurrieq, magħrufa bħala *tal-Imwieġel* jew *ta' Ċoqq* | 3,000.00 |
| 9 | Għalqa fiż-Zurrieq, fil-kontrada ta' Il-Qortin, magħrufa bħala "Tal-Qortin ta' Ġewwa" | 1,750.00 |
| 10 | Flus | 464.71 |
| | B'kollox | 60,714.71 |
| | Sehem l-attur ($^3$/5) | 36,428.83 |
| | Sehem il-konvenuti ($^2$/5) | 24,285.88 |

13. "B'kollox l-assi ereditarju ta' Carmela Caruana, *de cuius* jiswa sittin elf, seba' mija u erbatax-il euro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€60,714.71) li minnhom l-attur għandu tlieta minn ħamsa ($^3$/5) jew sitta u tletin elf, erba' mija u tmienja u għoxrin euro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€36,428.83) u l-konvenuti għandhom tnejn minn ħamsa ($^2$/5) jew erbgħa u għoxrin elf, mitejn u ħamsa u tmenin euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€24,285.88).

14. "Barra sehemu mill-beni tal-komunjoni tal-akkwisti, Giuseppe Caruana, *de cuius*, kellu wkoll bħala proprjetà parafernali għalqa fiż-Zurrieq, fil-kontrada *tal-Imwieġel*, magħrufa bħala *ta' Sqaq Blat*, jew *tal-Knisja*, jew *Ta' Fuq l-Imwieġel*, li tmiss min-nofsinhar ma' Sqaq Blat u mill-punent *in parte* ma' mogħdija, għandha aċċess dirett mill-isqaq li tidħol għalih minn Triq Qortin, fiha hemm dwejra mal-mogħdija u oħra mal-isqaq. Din l-għalqa fiha kejl superfiċjali ta' madwar disat elef, ħames mija u ħamsin metru kwadru (9,550m²) daqs *circa* tmint itmien u tliet sigħan (T8,S3).

15. "Għalkemm saret allegazzjoni li Giuseppe Caruana kellu xi żwiemel u karrettuni li jiswew ħafna flus, dawn la jissemmew fid-denunzja tas-suċċessjoni tiegħu u lanqas inġiebet dwarhom xi xiehda li tista' toqgħod fuqha. Il-qorti għalhekk taqbel mal-konklużjoni tal-perit legali li ma saritx prova li tassew kien hemm dawn il-beni.

16. "Inġiebet xiehda illi Giuseppe Caruana kien issellef tmien mija u tmenin lira (Lm880) – daqs elfejn u disgħa u erbgħin euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€2,049.85) – mingħand il-konvenuti. Dwar dan is-self il-perit legali għamel dawn l-osservazzjonijiet:

> "«Il-konvenuta Maria Farrugia fl-*affidavit* tagħha (*a fol.* 121, b'repetizzjoni *a fol.* 156 tal-proċess) stqarret li wara l-mewt t'ommha u meta marad missierha, hija u ħuha Anglu kienu silfu bejnithom lil missierhom Giuseppe Caruana, b'kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Agius ta' Ħal Qormi, is-somma ta' tmin mija u tmenin lira ta' Malta (Lm880) b'imgħax ta' tmienja fil-mija (8%).
>
> "«Mid-denunzji tal-missier Giuseppe Caruana bin-numri 1237 u 1238 tas-sena 1982 jirriżulta illi s-self f'dan l-ammont sar tassew, però bir-rata ta' mgħax ta' ħamsa fil-mija (5%) u ġie magħmul, mhux fiż-żmien immedjatament wara l-mewt ta' Carmela Caruana li ġrat fl-1965, kif tat x'wieħed jifhem il-konvenuta Maria Farrugia, iżda fit-19 ta'Lulju 1981, jiġifieri, inqas minn tliet xhur qabel il-mewt tal-mutwatarju Giuseppe Caruana. Jirriżulta ukoll li s-self għandu l-insinwa numru 29370 tas-sena 1981.
>
> "«L-esponent hu tal-fehma illi, marid kif kien il-missier Giuseppe Caruana, il-flus mislufa lilu baqgħu f'idejn min silifhomlu. Huwa improbabbli għall-aħħar illi bintu Maria Farrugia, li kienet tieħu ħsiebu, laħqet utilizzat fi żmien tant qasir dawk il-flus kollha għall-ħtiġijiet ta' missierha. L-esponent ikkunsidra ukoll illi, li kieku l-imsemmi ammont ta' flus mislufa lill-missier Giuseppe Caruana daħlu tassew fil-patrimonju tiegħu, dak li fadal minnhom kien messu deher fl-attiv kapitali tiegħu wara mewtu. Imma xejn minn dan ma jidher mal-assi fl-imsemmija denunzji ta' Giuseppe Caruana, u dan jikkonferma l-ipotesi tal-esponent li s-self kien fittizju. Għalhekk, dan is-self ma għandhux jiġi magħdud bħala dejn fuq l-assi tal-beni ta' Giuseppe Caruana.»

17. "Għalkemm ir-raġunament tal-perit legali huwa validu, il-qorti ma taqbilx mal-konklużjoni tiegħu. Ladarba d-dejn jirriżulta minn atti pubbliċi għandu jitqies illi tassew sar sakemm ma ssirx prova tal-kuntrarju. Din il-prova ma saritx u għalhekk is-self għandu jitqies bħala dejn tal-mejjet lejn il-konvenuti. Tassew illi, kif sewwa jgħid il-perit legali, ma huwiex probabbli li l-flus kollha – li kienu somma mhix żgħira fl-1981 – intefqu fil-ftit xhur sa ma miet Giuseppe Caruana u għalhekk x'aktarx li xi ħaġa kien fadal għalkemm fid-denunzja tas-suċċessjoni ma jissemma xejn. Madankollu fin-nuqqas ta' prova l-qorti ma tistax tgħid x'kien fadal, aktar u aktar meta ma huwiex magħruf xi ħtiġijiet kellu Giuseppe Caruana fi tmiem ħajtu. Il-qorti għalhekk sejra tasal biss biex tagħmel tpaċija mal-ispejjeż tal-funeral, biex dawn l-ispejjeż ta' mija u tnejn u disħgin lira, tlieta u sittin ċenteżmu u tliet milleżmi (Lm192.63,3) – daqs erba' mija u tmienja u erbgħin euro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€448.71) – ma jitqisux dejn tal-wirt.

18. "Billi, għall-għanijiet tal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat mill-wirt, hija meħtieġa l-likwidazzjoni mhux biss tar-*relictum* iżda wkoll tad-*donatum*, jeħtieġ li naraw x'donazzjonijiet għamel matul ħajtu Giuseppe Caruana, *de cuius*.

19. “Il-qorti taqbel mal-perit legali illi ma nġiebet ebda prova li saret xi donazzjoni ta’ immobbli. Dwar donazzjonijiet oħra l-perit legali għamel dawn l-osservazzjonijiet:

> “«Attiv kapitali ieħor li jirriżulta mix-xiehda huwa l-hekk imsejħa “kwota tal-ħalib” li tkun irreġistrata mad-Dipartiment tal-Agrikultura f’isem ir-raħħal li jkollu l-bhejjem li jipproduċu l-ħalib. Dan huwa l-permess li r-raħħal ikollu biex ibigħ il-ħalib u li l-valur ta’ dan il-permess, ossija kwota tal-ħalib, huwa indipendenti mill-valur tal-merħla u l-ħalib li din tipproduċi kuljum. Dan il-permess jista’ jiġi ttrasferit (*fol.* 182 tal-proċess) fuq raħħal ieħor li jkun reġistrat mad-Dipartiment tal-Agrikultura, b’titolu oneruż skont is-suq (ara xiehda ta’ Carmelo Schembri tat-2 ta’ Lulju 2004 *a fol.* 194 *et seq*.).

“Minn dokument esebit *a fol.* 141 tal-proċess jirriżulta li Giuseppe Caruana fis-sena 1981 kellu fuq ismu mitejn u tletin (230) libbra, ekwivalenti għal tnejn u għoxrin gallun ħalib punt tlieta (22.3).

“Mill-istess dokument jirriżulta illi Giuseppe Caruana kien dawwar din il-kwota tal-ħalib li kellu għal fuq ibnu Anġlu Caruana fl-ewwel ta’ Ġunju tas-sena elf disa’ mija u wieħed u tmenin (01/06/1981), jiġifieri, ħames xhur qabel ma miet.

“Mill-atti tal-kawża ma jirriżultax li kien hemm xi forma ta’ kumpens da parti ta’ Anġlu Caruana għal dan it-trasferiment. Mix-xhieda ta’ Maria Farrugia (*a fol.* 187 tal-proċess) jidher illi dan it-trasferiment sar b’titolu gratuwitu, u għalhekk għandu jitqies bħala donazzjoni għall-kalkolu tal-leġittima.

“Skont l-espert maħtur mill-qorti Joseph Attard (fol. 196 tal-proċess), fis-sena elf disa’ mija u wieħed u tmenin (1981) il-valur tal-kwota tal-ħalib kien ta’ madwar mija u ħamsin lira ta’ Malta (Lm150) kull gallun (*fol*. 203 tal-proċess).

“Skont l-istess espert, il-kwota tal-ħalib ma kellha ebda valur fis-sena 1965 u għalhekk l-esponent mhux sejjer jikkonsidra din il-kwota fl-assi tal-wirt ta’ Carmela Caruana, ukoll jekk, f’ħajjet martu, Giuseppe Caruana kellu l-istess ammont ta’ bhejjem jew aktar milli kellu fis-sena 1981.

“Għalhekk, biex wieħed jasal għall-valur tad-donazzjoni tal-kwota tal-ħalib li saret minn Giuseppe Caruana favur ibnu Angelo Caruana fl-1 ta’ Ġunju 1981, wieħed għandu jimmultiplika 22.3 gallun b’Lm 150 kull gallun u jasal għall-figura ta’ tlitt elef tliet mija u ħamsa u erbgħin lira ta’ Malta (Lm3,345).»

20. “Il-qorti taqbel mal-konklużjoni tal-perit tekniku li saret donazzjoni ta’ tlitt elef, tliet mija u ħamsa u erbgħin lira (Lm3,345) – daqs sebat elef, seba’ mija u wieħed u disgħin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€7,791.75) – lill-konvenut Angelo Caruana.

21. “Għalhekk il-beni tal-wirt ta’ Giuseppe Caruana, *de cuius*, li jridu jinqasmu, flimkien mal-valur mogħti mill-perit tekniku lis-sehem tal-mejjet, huma dawn:

| | | € |
|---|---|---|
| 1 | 22, Triq il-Warda, Żurrieq | 3,500.00 |
| 2 | 3, Sqaq San Anard, Bubaqra, Żurrieq | 4,750.00 |
| 3 | 3, Triq Bur Lanġasa, Żurrieq | 3,250.00 |
| 4 | 5, *St Joseph*, Triq Bur Lanġasa, Żurrieq | 4,750.00 |
| 5 | 6, Triq Bur Lanġasa, Żurrieq | 500.00 |
| 6 | 7, Triq Bur Lanġasa, Żurrieq | 3,750.00 |
| 7 | Razzett bla numru fi Triq in-Nigret, iż-Żurrieq | 35,000.00 |
| 8 | Għalqa fi Triq Qortin iż-Zurrieq, magħrufa bħala *tal-Imwieġel* jew *ta' Ċoqq* | 3,000.00 |
| 9 | Għalqa fiż-Zurrieq, fil-kontrada ta' Il-Qortin, magħrufa bħala "Tal-Qortin ta' Ġewwa" | 1,750.00 |
| 10 | Għalqa fiż-Zurrieq, fil-kontrada *tal-Imwieġel*, magħrufa bħala *ta' Sqaq Blat*, jew *tal-Knisja*, jew *Ta' Fuq l-Imwieġel* (proprjetà parafernali) | 14,000.00 |
| 11 | Donazzjoni (Lm3,345) | 7,791.75 |
| 12 | Dejn (Lm880) | (2,049.85) |
| | B'kollox | 79,991.90 |
| | Sehem l-attur ($^3/10$) | 23,997.57 |
| | Sehem il-konvenuti ($^7/10$) | 55,994.33 |

22. "B'kollox l-assi ereditarju ta' Giuseppe Caruana, *de cuius* jiswa disgħa u sebgħin elf, disa' mija u wieħed u disgħin euro u disgħin ċenteżmu (€79,991.90) li minnhom l-attur għandu tlieta minn għaxra ($^3/10$) jew tlieta u għoxrin elf, disa' mija u sebgħa u disgħin euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€23,997.57) u l-konvenuti għandhom sebgħa minn għaxra ($^7/10$) jew ħamsa u ħamsin elf, disa' mija u erbgħa u disgħin euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€55,994.33).

23. "Ma' sehem il-konvenuti għandu jiżdied il-kreditu ta' elfejn u disgħa u erbgħin euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€2,049.85) li għandhom kontra l-wirt u jonqos il-valur tad-donazzjoni ta' sebat elef, seba' mija u wieħed u disgħin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€7,791.75). Is-sehem tagħhom għalhekk jiġi ħamsin elf, mitejn u tnejn u ħamsin euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€55,994.33 + €2,049.85 - €7,791.75 = €50,252.43).

24. "L-attur għandu jieħu sitta u tletin elf, erba' mija u tmienja u għoxrin euro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€36,428.83) mill-wirt ta' Carmela u tlieta u għoxrin elf, disa' mija u sebgħa u disgħin euro u

sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€23,997.57) mill-wirt ta' Giuseppe – b'kollox sittin elf, erba' mija u sitta u għoxrin euro u tmienja u tletin ċenteżmu (€60,426.38). Il-konvenuti għandhom jieħdu erbgħa u għoxrin elf, mitejn u ħamsa u tmenin euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€24,285.88) mill-wirt ta' Carmela u ħamsin elf, mitejn u tnejn u ħamsin euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€50,252.43) mill-wirt ta' Giuseppe, b'kollox erbgħa u sebgħin elf, ħames mija u tmienja u tletin euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€74,538.31).

25. "Il-perit tekniku ħejja pjan ta' qasma li huwa qrib ħafna ta' dawn il-valuri, b'differenza żgħira l-aktar għax ma qiesx id-dejn imsemmi fil-paragrafi 16 u 17 ta' din is-sentenza. Il-perit ippropona illi dawn il-beni jiġu assenjati lill-attur:

| | Lill-attur | € |
|---|---|---|
| 1 | 22, Triq il-Warda, Żurrieq | 7,000.00 |
| 6 | 7, Triq Bur Lanġasa, Żurrieq | 7,500.00 |
| 7 | Dawn il-biċċiet mir-razzett bla numru fi Triq in-Nigret, iż-Żurrieq: | |
| | Mandra żgħira, maqjel u bitħa immarkati bl-ittra "F" fuq il-pjanta tal-perit tekniku | 1,500.00 |
| | Mandra kbira immarkata bl-ittra "G" | 7,000.00 |
| | Maħżen kbir, bitħa u mandra kbira fuq wara, immarkati bl-ittra "I", | 25,000.00 |
| | Bitħa b'żewġt ikmamar immarkata bl-ittra "K" | 3,400.00 |
| 8 | Għalqa fi Triq Qortin iż-Zurrieq, magħrufa bħala *tal-Imwieġel* jew *ta' Ċoqq* | 6,000.00 |
| 9 | Għalqa fiż-Zurrieq, fil-kontrada ta' Il-Qortin, magħrufa bħala "Tal-Qortin ta' Ġewwa" | 3,500.00 |
| | B'kollox | 60,900.00 |

26. "Il-beni li għandhom imissu lill-konvenuti flimkien huma dawn:

| | Lill-konvenuti | € |
|---|---|---|
| 2 | 3, Sqaq San Anard, Bubaqra, Żurrieq | 9,500.00 |
| 3 | 3, Triq Bur Lanġasa, Żurrieq | 6,500.00 |
| 4 | 5, *St Joseph*, Triq Bur Lanġasa, Żurrieq | 9,500.00 |

| | | |
|---|---|---|
| 5 | 6, Triq Bur Lanġasa, Żurrieq | 1,000.00 |
| 7 | Dawn il-biċċiet mir-razzett bla numru fi Triq in-Nigret, iż-Żurrieq: | |
| | Bitħa kbira immarkata bl-ittra "H" | 18,000.00 |
| | Bitħa kbira b'żewġt imqajel fuq wara u mandra msaqqfa bil-pjanċi immarkata bl-ittra "J" | 14,000.00 |
| | Żewġt imqajel u bitħa immarkati bl-ittra "L" | 1,100 |
| 10 | Għalqa fiż-Zurrieq, fil-kontrada *tal-Imwieġel*, magħrufa bħala *ta' Sqaq Blat*, jew *tal-Knisja*, jew *Ta' Fuq l-Imwieġel* | 14,000.00 |
| | B'kollox | 73,600 |

27. "Dan il-pjan ta' qasma jaħseb ukoll għall-fatt illi parti mir-razzett fi Triq in-Nigret, iż-Żurrieq, immarkata bl-ittra "L", tħalliet b'legat lill-konvenut Angelo Caruana, u għalhekk tqiegħdet fis-sehem tal-konvenuti.

28. "L-attur ikkritika dan il-pjan ta' qasma għax igħid illi l-fond numru 7, Triq Bur Lanġasa, Żurrieq sejjer jittieħed mill-gvern għal skopijiet pubbliċi, u għalhekk ma jiswiex daqskemm stmah il-perit. Il-perit wieġeb illi, għalkemm ma tressqet ebda prova ta' dan, huwa magħruf illi hemm il-ħsieb li tgħaddi triq, iżda dan il-fatt qiesu wkoll meta wasal għall-istima.

29. "L-attur ilmenta wkoll illi ma għandux aċċess għal dawk il-partijiet tar-razzett fi Triq in-Nigret, iż-Żurrieq immarkati bl-ittri "I" u "G", li ġew assenjati lilu. Il-perit tekniku iżda fisser illi hemm dan l-aċċess għax dawn il-partijiet imissu ma' xulxin u waħda minnhom tmiss ma' proprjetà tal-attur stess.

30. "L-attur ippropona pjan alternativ ta' qasma, iżda dan il-pjan iwassal biex jinfirdu xi fondi u dan iwassal għal tnaqqis fil-valur tagħhom.

31. "Wara li qieset dawn il-fatturi kollha, il-qorti hija tal-fehma illi l-pjan ta' qasma propost mill-periti ġudizzjarji huwa ġust u għalhekk tapprovah. Tqis ukoll illi, għalkemm hemm differenza bejn il-valur tal-ishma assenjati lill-partijiet u l-valur tas-sehem li dawn għandhom mill-wirt, din id-differenza hija żgħira u fil-marġini tas-soġġettività tal-istima, u għalhekk ma hux il-każ illi titħallas ekwiparazzjoni.

32. "Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hekk taqta' din il-kawża:

i. “tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti bejn Giuseppe u Carmela Caruana billi tgħid illi tikkonsisti fil-beni elenkati fil-para. disgħa (9) ta’ din is-sentenza;

ii. “tillikwida l-assi ereditarju ta’ Carmela Caruana billi tgħid illi jikkonsisti fil-beni u d-djun imsemmija fil-para. tnax (12) ta’ din is-sentenza;

iii. “tillikwida l-assi ereditarju ta’ Giuseppe Caruana billi tgħid illi jikkonsisti fil-beni u d-djun imsemmija fil-para. wieħed u għoxrin (21) ta’ din is-sentenza;

iv. “tassenja lill-attur il-beni msemmija fil-para. ħamsa u għoxrin (25) ta’ din is-sentenza bħala s-sehem tiegħu (u tal-awturi tiegħu) mill-wirt ta’ Carmela Caruana u bħala s-sehem riżervat mill-wirt ta’ Giuseppe Caruana;

v. “tassenja lill-konvenuti flimkien il-beni msemmija fil-para. sitta u għoxrin (26) ta’ din is-sentenza bħala s-sehem tagħhom mill-wirt ta’ Carmela Caruana u ta’ Giuseppe Caruana;

vi. “taħtar lin-Nutar Jeanette Saliba sabiex tippubblika l-att ta’ qsim ta’ proprjetà u lill-Avukat Michael Spiteri bħala kuratur biex jidher f’isem min jonqos li jersaq għall-pubblikazzjoni; il-kuntratt għandu jiġi pubblikat fil-bini tal-Qrati Superjuri, il-Belt Valletta, nhar il-Ġimgħa 1 ta’ Frar 2013 fl-10.00 *a.m.*; u

vii. “tordna illi l-ispejjeż tal-kawża u d-drittijiet tan-nutar u tal-kuratur jinqasmu bin-nofs bejn l-attur u l-konvenuti”.

Illi minn din is-sentenza appellaw il-konvenuti li qed jitolbu riforma taghha u ghall-precizjoni l-Qorti qed tirriproduci t-talbiet taghhom kollha, billi jitolbu:

“..lil dina l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell sabiex fil-waqt li tirriforma l-paragrafi wiehed u ghoxrin (21) u tlieta u ghoxrin (23) tas-sentenza tal-Qorti Civili Prim Awla tad-29 ta’ Ottubru 2012 billi tiddikjara li l-valur tad-donazzjoni relativa ghall-kwota tal-halib ghandu jkun ta’ disa mija u tmienja u sebghin Euro u tlieta u tlettin centezmu EUR978.33 minflok dak li hemm imnizzel fil-paragrafu wiehed u ghoxrin (21) jigifieri sebat elef, seba mija u wiehed u disghin euro u hamsa u sebghin centezmu (EUR7,791.75). Hekk ukoll tikkonferma li l-figura li hemm mnizzla fil-paragrafu tleita u ghoxrin (23) tal-imsemmija sentenza ghandu jaqra disa mija u tmienja u sebghin Euro u tlieta u tlettin centezmu EUR978.33 minflok sebat elef, seba mija u wiehed u

> disghin euro u hamsa u sebghin centezmu EUR978.33 minflok sebat elef, seba mija u wiehed u disghin euro u hamsa u sebghin centezmu (EUR7,791.75) bhala donazzjoni li trid titnaqqas. Dan kollu jfisser li minflok l-figura ta' hamsin elf, mitejn u tnejn u hamsin euro u tleita u erbghin cenezmu (EUR50,252.43) l-figura trid titla ghal seba u hamsin elf, u hamsa u sittin euro u hamsa u tmenin centezmu (EUR57,065.85) li hija l-figura korretta li ghandu jinghad mas-sehem l-appellanti. Mill qbija l-appellanti titlob li dina l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tikkonferma l-kumplament tas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta' Ottubru 2012 bl-ispejjez kontra l-appellati".

L-appellati rrispondew billi talbu l-konferma tas-sentenza u ziedu jghidu li ma humiex tenuti jhallsu spejjez billi huma talbu l-legittima spettanti lilhom.

AGGRAVJI

L-aggravju principali tal-appellanti huwa li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta kkonkludiet li l-kwota li kellu d-decujus Giuseppe Caruana kienet ta' 13 il-libbra u mhux 230 libbra – kwindi l-ammont dovut lilhom fil-komputazzjoni finali kellu jkun ta' aktar mnn 57,000 euro u mhux ta' ftit aktar minn 50,000 euros. Ghalhekk jikkritikaw lill-perit legali u jsostnu li l-izball tieghu gie ripetut mill-Qorti fis-sentenza taghha peress li din adottat l-istess rapport.

Dwar dan, huwa minnu li l-Kodici tal-Procedura jaghti l-fakoltá lill-Qorti li ma taccettax il-konkluzjonijiet tal-perit nominat minnha (Artikolu 681 tal-Kap. 12). Gie infatti ritenut minn din il-Qorti fil-kawza **John Saliba v. Joseph Farrugia** deciza fit-28 ta' Jannar 2000 illi:

> "*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skont il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setghax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk ilkonkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika*".

F'dan ir-rigward ukoll il-Qrati taghna ghal diversi drabi ghamlu taghhom il-konstatazzjonijiet ta' din il-Qorti fil-kawza **Giswarda Bugeja v. Emanuele Muscat et** (23 ta' Gunju 1967) fejn qalet illi "*ghalkemm il-Qorti mhux marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjonijet taghha innifisha, u l-konkluzjonijiet peritali bhal materjali istruttorji ohrajn kontrollabbli mill-gudikant, madankollu 'il giudizio del' arte' espress mit- tekniku ma jistghux u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta lilha moghitja b'talba ta' nomina ta' periti addizjonali, jigi skartat facilment, ammenokke' ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma fil-kumpless kollhu tac-cirkostanzi irragonevoli*". Bl-istess mod il-Qorti (Prim'Awla) ippronunzjat ruhha fil-kawza fl-ismijiet **Josephine Micallef v. Louis Zammit**, deciza fil-11 ta' Ottubru 2010 u kkonfermata minn din il-Qorti fil-31 ta' Ottubru 2014, u aktar ricentement il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Kummissarju tal-Artijiet v.**

**Mugliette et** deciza fit-28 ta' Marzu 2014 u **Giulia Curmi et v. Guzeppi Schembri** deciza fl-24 ta' April 2015. Naturalment is-sentenzi citati jirreferu ghall-periti teknici madankollu r-ragunament imsemmi japplika (fil-fehma tal-Qorti *multo magis*) ukoll ghall-perit legali, bid-differenza li fejn si tratta ta' argumenti legali l-Qorti ghandha jkollha mhux biss l-ahhar kelma izda deliberazzjonijiet aktar profondi dwar il-konkluzjonijiet tal-istess perit legali billi differentement mill-konkluzjonijiet teknici, dawn ikunu ta' natura li l-Qorti hija finalment l-awtoritá suprema taghhom.

L-appellanti fir-rikors tal-appell jaghmlu riferenza ghall-fatt li l-perit legali u l-Qorti warajh ibbazaw il-konkluzjonjiet taghhom fuq dokument a fol 182 u mhux fuq dokument esebit minnhom a fol 207. L-ewwel nett huma zbaljati fl-enumerazzjoni tal-ewwel dokument imsemmi ghaliex a fol 182 ma hemm ebda document esebit. Evidentement qed jirreferu a fol 142 fejn wiehed isib ittra tad-direttur Generali tal-Agrikoltura lid-difensur tal-appellati fejn jghid illi "*l-kwota tal-halib illi kellu l-mejjet Joseph Caruana kienet giet trasferita ghal fuq ibnu Anglu Caruana b effett mill-1 ta' Gunju 1981. L-ammont tal-kwota kien ta' 230 libri (22.3 galluni)*". Id-dokument a fol 207 esebit mill-appellanti, invece huwa ittra tal-istess persuna lid-difensur tal-appellant fejn jghid illi "*nixtieq ninfurmak li din il-kwota (136.5 kgs) tinkludi l-kwota li kellu missieru (Joseph Caruana) li kienet daret fuq Angelo Caruana fl-1 ta' Gunju 1981. Dan it-trasferiment ta' 29 libbra i.e bejn wiehed u iehor 13 kgs*".

F'gudizzju civili l-Qorti trid tiddeciedi fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet (**Zammit v. Petroccochino**, Appell Kummercjali, 25 ta' Frar 1952); "*il-Qorti allura jehtieg li tara jekk verzjoni wahda teskludix lill-ohra fuq bilanc ta' probabiltajiet; b' hekk jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubbju u ssib refugju mir-regola 'in dubio pro reo'*" – **Enrico Camilleri v. Martin Borg**, (Appell Inferjuri, 17 ta' Marzu 2003). Kwindi l-perit tekniku apparti l-konoxxenza teknika tieghu kien ukoll fl-ahjar posizzjoni biex jivvaluta l-verzjonijiet tal-partijiet u wasal ghall-konkluzjoni tieghu.

Din il-Qorti ma tistax ma tikkummentax negattivament fuq il-mod kif il-partijiet f'din il-kawza ressqu l-prova taghhom f'dan ir-rigward. Kull ma ghamlu infatti kien li pprezentaw ittra mibghuta mill-imsemmi Direttur minghajr ma tellghuh biex jixhed u biex ghall-inqas jikkonferma l-kontenut ta' dik l-ittra bil-gurament. Allura kien ikun hemm il-possibbilitá lill-partijiet biex jaghmlu d-domandi pertinenti halli tohrog il-veritá x'kienet. Dan wassal biex l-ewwel Qorti probabilment giet sgwidata.

F'din is-sitwazzjoni, din il-Qorti ssibha difficli li tikkonkludi x'kienet din il-veritá u ghalhekk waslet ghall-konkluzjoni li l-verzjoni tal-appellanti hija aktar verosimili ghal zewg ragunjiet – wahda fattwali u l-ohra procedurali. Ir-raguni fattwali hija li l-ittra li esebew l-appellanti hija aktar preciza ghaliex tghid liema kwota daret fuq l-appellati minn dik li kienet tal-mejjet fil-waqt li l-ittra esebita mill-appellati tindika generikament l-

ammont li kellu fuq ismu l-mejjet. Dik legali hija li strettament l-ittra esebita mill-appellati ma hijiex prova skont il-ligi ghaliex mhijiex l-ahjar prova (Artikolu 559 tal-Kap. 12) – u kieku mhux ghax l-appellanti stess ammettew li parti (cioe` 13 kilograms) daret fuq l-awtur taghhom ma kien ikun hemm ebda prova kif trid il-ligi. Ghalhekk il-Qorti se tilqa' dan l-aggravju.

Tibqa' allura l-kwistjoni tal-ispejjez tal-kawza. L-appellati rrispondew ghall-appell billi fost affarijiet ohra jghidu illi l-ispejjez ghandhom jigu sapportati mill-appellanti. Fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar, 1990 fll-kawza fl-ismijiet **Carmelo Apap v. Maria Rosaria sive Lucy Scicluna**, intqal illi "*in kwantu iIli qieghed jaghmel il-kawza biex jithallas il-Iegittima fuq il-wirt ta' missieru, m'ghandux ibati spejjez billi I-Iegittimarju kif inhu risaput m'ghandux ibati spejjez f'kawzi simili, liema spejjez ghandhom jigu sopportati unicament mill-eredi*". Madankollu l-appellati ma pproponewx appell incidentali mis-sentenza appellata. Kwantu ghall-ispejjez tal-appell, ghalkemm il-Qorti se tilqa' t-talba tal-appellanti, l-istess Qorti jidrilha li l-ispejjez ghandhom jinqasmu ghaliex il-partijiet kollha fil-kawza jahtu ghall-fatt li l-ewwel Qorti giet indotta fi zball billi ma tellghux lid-Direttur tal-Agrikoltura jixhed quddiemha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi ghalhekk il-Qorti tilqa' l-appell u tbiddel is-sentenza appellata billi tiddikjara li l-valur tad-donazzjoni tal-kwota tal-halib

ghandu jkun ta' disa' mija tmienja u sebghin Euro u tlieta u tletin centezmu (€978.33) minflok dak imnizzel fil-paragrafu 21 tas-sentenza sebat elef, seba' mija u wiehed u disghin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€7,791.75); tikkonferma li l-figura mnizzla fil-paragrafu 23 tas-sentenza ghandu jaqra disa' mija tmienja u sebghin Euro u tlieta u tletin centezmu (€978.33) minflok sebat elef, seba' mija u wiehed u disghin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€7,791.75) bhala donazzjoni li trid titnaqqas; ghalhekk il-figura ta' hamsin elf mitejn u tnejn u hamsin Euro u tlieta u erbghin centezmu (€50,252.43) tigi sostitwita bl-ammont ta' sebgha u hamsin elf u hamsa u sittin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€57,065.85); mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata kompriz il-kap tal-ispejjez; l-ispejjez tal-appell ukoll jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet billi l-appellanti jhallsu nofs u l-appellati n-nofs l-iehor.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb